MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 102/2011

**Malta Industrial Parks Limited (C 28965)**

**Vs**

**Tower Products Limited (C 4283)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Dicembru, 2011 fejn ippremettiet:

1. Illi permezz ta' skrittura privata tad-29 ta' Marzu 2011, kopja ta' liema skrittura tinsab annessa u mmarkata "Dok A", is-socjeta' konvenuta ikkostitwixxiet ruhha veru cert u likwidu debitrici tal-istanti fl-ammont ta' Mija u elfejn u hamsa u ghoxrin euro u disgha u erbghin centezmu (€102,025.49);

2. Illi tali debitu jirraprezenta kumpens ghall-okkupazzjoni ghall-fabbrika GGX004A fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija ghall-perjodu sal-31 ta' Marzu 2011;

3. Illi skond il-precitata skrittura, tali debitu kellu jithallas permezz ta' rati mensili ta' elf seba mija u hamsin euro (€1,750), b'dan li l-ewwel rata kellha tithallas fl-ahhar ta' April 2011;

4. Illi fit-termini tal-imsemmija skrittura, gie pattwit bejn il-partijiet li kemm-il darba l-konvenuta tibqa' moruza fil-hlas ta' tliet (3) rati mensili jew f'somma ekwivalenti ghal 3 rati mensili, allura s-socjeta' konvenuta tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu;

5. Illi inoltre skond l-imsemmija skrittura, kemm-il darba l-konvenuta tibqa' moruza fil-hlas ta' tliet (3) rati mensili, allura jibqa' jiddekorri l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) u dan b'effett mid-data tal-iskrittura;

6. Illi minkejja l-obbligi minnha assunti, is-socjeta' konvenuta mghamlet l-ebda pagament lis-socjeta' attrici;

7. Illi minkejja l-interpellazzjonijiet li sarulha sabiex is-socjeta' konvenuta thallas l-ammont minnha dovut, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

8. Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta hi debitrici tal-istanti fl-ammont ta' €102,025.49, liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tad-29 ta' Marzu, 2011;

9. Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u ma jikkostitwixxiex l-ghemil ta' fatt;

10.Illi in vista tas-suespost isegwi li t-talbiet attrici huma ezegwibbli kontra s-socjeta' konvenuta u ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat s-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 u dan peress illi sa fejn taf l-esponenti, is-socjeta'

konvenuta m'ghandhiex eccezjoni valida x'tissolleva f'dina l-kawza;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li s-socjeta' konvenuta hi debitrici tas-socjeta' attrici tas-somma ta' €102,025.49 liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tad-29 ta' Marzu 2011 u peress li s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x'tissolleva, din il-kawza ghandha tinstema' bil-procedura sommarja specjali.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni joghgobha:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' €102,025.49 liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tad-29 ta' Marzu 2011;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 247/2011 u bl-imghax mid-29 ta' Marzu 2011 sad-data tal-pagament effettiv u b'rizerva ghal kull jedd ta' azzjoni spettanti lill-istanti ghal kull somma ulterjuri dovuta in linea ta' kumpens ghall-okkupazzjoni ghall-fabbrika GGX004A fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija, kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2012 fin-12.30p.m.

Rat li fis-seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012 Paul Portelli ghas-socjeta' konvenuta ammetta talbiet tas-socjeta' attrici u pprezenta nota ta' ammissjoni u talab dilazzjoni tal-pagamenti.

Rat li s-socjeta' attrici rrimettiet ruhha.

Rat l-atti kollha.

Billi fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Ghaldaqstant din il-qorti, fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ Mija u elfejn u hamsa u ghoxrin euro u disgha u erbghin centezmu (€102,025.49) liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tad-29 ta’ Marzu, 2011 b’dan pero’ illi l-ewwel pagament fl-ammont ta’ elf seba mija u hamsin euro (€1,750) ghandu jithallas fi zmien erba’ xhur millum ossija fl-10 ta’ Mejju, 2011 u wara tali data s-socjeta’ konvenuta ghandha tibqa’ thallas l-ammont dovut minnha f’rati mensili fl-ammont ta’ elf seba mija u hamsin euro (€1,750) kull ghaxra tax-xahar. Dan l-arrangament ghandu jibqa’ fis-sehh sakemm il-pagamenti jibqghu jsiru b’mod regolari cioe’ kull xahar.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------